**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tad-19 ta' April, 2018**

**Kawza Nru: 102/2014 AM**

**Lista Numru: 27**

**Elmo Insurance Limited (C3500) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Mary Elaine Vassallo u l-istess Mary Elaine Vassallo**

**Abate Rigord Street, Ta' Xbiex**

**Vs**

**Ministeru ghat-Trasport u ghall-Infrastruttura**

**Project House, Triq Francesco Buonamici, Floriana**

**U**

**Kunsill Lokali Valletta, South Street, Valletta**

**U**

**b'digriet tat-Tribunal tat-30 ta' April, 2014 gie kjamat in kawza d-Direttur tad-Direttorat tar-Restawr**

**U**

**b'digriet tat-Tribunal tat-03 ta' Dicembru, 2014 giet kjamata in kawza l-kumpanija Camray Co Ltd (C9752) ta' KW4, Qasam Industrijali, Kordin, Rahal Gdid**

**U**

**FortRes Joint Venture ta' AX House, Mosta Road, Hal Lija**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mis-socjeta' attrici noe li permezz taghha s-socjeta' attrici talbet minghand il-konvenut Ministeru ghat-Trasport u ghall-Infrastruttura u l-Kunsill Lokali Valletta s-somma ta' elfejn disa' mija u sittax-il ewro (€2,916) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attrici Mary Elaine Vassallo assigurat tas-socjeta' attrici Elmo Insurance Limited u li ghalihom ghamlu tajjeb in kwantu ghall-ammont ta' elfejn, seba' mija wiehed u disghin ewro u ghaxar centezmi (€2,791.10) lis-socjeta' attrici Elmo Insurance Limited u in kwantu ghall-ammont ta' mija u hamsa u ghoxrin ewro (€125) l-istess attrici Mary Elaine Vassallo bhala rizultat ta' incident li sehh fil-foss ta' San Gwann il-Belt Valletta fis-06 ta' Frar, 2012 meta waqt li l-istess attrici Mary Elaine Vassallo ipparkjat il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FDN 737 proprjeta' taghha fl-imsemmija lok waqa' materjal minn mas-swar fejn kienu qed isiru xogholijiet ta' restawr fuq inkarigu tal-konvenuti jew min minnhom.

Ra a fol 8 et ir-risposta tal-Kunsill Lokali Valletta li permezz taghha l-Kunsill konvenut eccepixxa li t-talba attrici kif promossa mir-rikorrenti fil-konfront u in kwantu diretta lejn l-eccipjenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li l-eccipjent ma kienx involut bl-ebda mod u manjiera fix-xogholijiet ta' restawr fuq is-swar tal-Belt; li l-istess rikorrenti gja' gew similarment informati b'ittra responsiva ufficjali datata 01 ta' Awwissu, 2013 u ghalhekk il-kap tal-ispejjez ghandu jigi sofferti mill-kontendenti l-ohra jew min minnhom; salv risposti ulterjuri inkluz occorrendo dawk wara li l-eccipjenti jkun jaf bir-risposta tal-intimat l-iehor; bl-ispejjez.

Ra a fol 9 et ir-risposta tal-Ministeru ghat-Trasport u l-Infrastruttura li permezz taghha eccepixxa li preliminarjament il-Ministru ghat-Trasport u l-Infrastruttura mhuwiex il-legittimu kontradittur a tenur tal-Artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta; li in kwantu t-talba tal-atturi hija msejsa fuq danni konsegwenti ghall-allegati xogholijiet ta' restawr, l-esponenti jirrileva li huwa mhuwiex responsabbli ghax-xogholijiet ta' restawr ta' swar; li fil-mertu kwantu t-talbiet tal-atturi huma diretti kontra l-esponenti, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi kif ser jigi spjegat ahjar waqt is-smigh u t-trattazzjoni tat-talba u ghalhekk ma jirrispondix ghad-danni reklamati; li minghajr pregudizzzju ghal premess kull allegat dannu jrid jigi ppruvat skont il-ligi; bl-ispejjez.

Ra d-digriet a fol 15 datat 30 ta' April, 2014 li permezz tieghu dan it-Tribunal diversament presedut ordna li jigi kjamat in kawza d-Direttur tad-Direttorat tar-Restawr.

Ra r-risposta tad-Direttur tad-Direttorat tar-Restawr a fol 18 et li permezz taghha eccepixxa li preliminarjament eccepixxa l-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta kif ser jigi sussegwentement muri lil dan l-Onorabbli Tribunal; li preliminarjament ukoll u bla pregudizzju d-Direttorat mhux legittimu kuntradittur u kwindi mhux responsabbli ghal dan l-incident u ghall-allegati danni subiti mill-atturi ghaliex ix-xogholijiet ikunu qed jigu esegwiti minn diversi kuntratturi u mhux mid-Direttorat; li fil-mertu u bla pregudizzju fil-konfront tad-Direttorat it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi kif ser jigi muri ahjar matul is-smigh tal-kawza; salv eccezzjonijiet ultejrjuri jekk ikun l-kaz; bl-ispejjez.

A fol 49 et giet prezentata risposta izda dan it-Tribunal ma jistax jghid minn mill-kjamati in kawza intavola din ir-risposta u dan it-Tribunal ma jistax jispekula u ghalhekk jiddikjara li s-socjeta' kjamata fil-kawza is-socjeta' FortRes Joint Venture li hija kontumaci.

Ra l-verbal tat-03 ta' Dicembru, 2014 li permezz tieghu dan it-Tribunal diversament presedut ordna l-kjamat in kawza tas-socjeta' Camray Company Limited.

Ra r-risposta tas-socjeta' Camray Company Limited a fol 47 et li permezz taghha eccepiet li t-talbiet atturi in kwantu diretti kontra l-kumpanija esponenti huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta; li fi kwalunkwe kaz l-kumpanija esponenti u/jew l-impjegati taghha ma kkawzaw ebda dannu lill-atturi u ghalhekk it-talbiet in kwantu diretti kontra l-kumpanija esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti; li jigi rilevat li l-kumpanija esponenti ma ezegwiet ebda xoghol ta' restawr fuq is-swar "near former yellow garage" il-foss ta' San Gwann Valletta ossia l-post fejn allegatament sehh l-incident kif indikat fir-rapport tal-pulizija relattiv u ghalhekk certament ma tista tkun qatt responsabbli ghad-danni allegati; li fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju d-danni allegatament sofferti

ghandhom jigu ppruvati; b'rizerva ghal kull eccezzjoni ulterjuri permessa skont il-ligi; bl-ispejjez.

Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal diversament presjedut li permezz tieghu gie kjamat in kawza Fortress Joint Venture.

Ra l-affidavit ta' Joseph Callus Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghat-Trasport u Infrastruttura a fol 69 li permezz tieghu xehed li ilu f'din il-kariga mis-sena 2013 u li fuq kwistjonijiet li jinvolvu s-swar u r-restawr taghhom hemm id-Direttorat tar-Restawr li huwa responsabbli minnhom u mhux il-Ministeru ghat-Trasport u Infrastruttura.

Ra l-affidavit tal-Perit Norbert Gatt a fol 71 li permezz tieghu xehed li huwa jokkupa l-kariga ta' Direttur fi hdan id-Direttorat tar-Restawr. Xehed li fir-rigward ta' dan il-kaz id-Direttorat qatt ma rcieva ittra ufficjali minghand l-atturi u l-unika atti li rcieva d-Direttorat huma l-atti ta' din l-kawza. Li l-incident sehh fis-06 ta' Frar, 2012 u d-Direttorat ircieva l-atti ta' dan il-kaz fl-14 ta' Mejju, 2014.

A fol 73 xehed George Stagno Navarra li ried jiccekja jekk saritx ittra ufficjali min-naha tal-atturi .

A fol 89 et xehdet Marie Elaine Vassallo li dakinhar tal-incident 23 ta' Frar, 2012 kienet gurnata normali tax-xoghol, dahlet fit-tmienja u nofs u pparkjat il-Yellow Garage, taht, inti u diehel fil-bidu u telghet it-tarag temporanju li ghamlu dak iz-zmien. Meta marret lura ghal karozza sabet il-karozza miksija bis-sunroof b'kollox, kollha tikki u rrizulta li kien tikki ta' xi materjal li wzaw tas-swar. Hija ghamlet rapport l-Ghassa u fl-Ghassa qalulha li mhux l-ewwel wahda u li kien hemm hafna mid-dehra bhala ghax gara l-istess lil karozzi ohrajn. Hija marret ghand l-insurance. Vassallo spjegat li ma kien hemm xejn x'juri li qed isiru x-xogholijiet.

A fol 97 xehdet Gabriella Agius, Segretarja Esekuttiva tal-Kunsill Lokali Valletta u li xehdet li x-xoghol relatat mas-swar tal-Belt Valletta ma kienx fil-kompetenza tal-istess Kunsill izda sar minn diversi Ministeri u Dipartimenti Governattivi. Xehdet ukoll li huma la kellhom x'jaqsmu u wisq anqas gew involuti fl-isess xoghol u kienu infurmaw b'dan lill-attrici tramite l-konsulenti legali taghhom.

Ra x-xhieda ta' Brian Miller a fol 112 et li permezz taghha xehed li huwa Senior Manager mas-socjeta' Camray Company Limited. Mill-istharrig li ghamlu rrizulta li l-incident sehh ma kienx fejn huma kienu qed jaghmlu x-xogholijiet ta' restawr.

Ra l-verbal tal-25 ta' Jannar, 2018 li permezz taghha l-partijiet kollha qablu li l-kawza tista tibqa ghas-sentenza.

Semgha t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Ikkunsidra,

Li dan huwa kaz ta' danni fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni FDN-737 proprjeta' ta' Mary Elaine Vassallo li kienet ipparkjata fil-Foss ta' San Gwann il-Belt Valletta fis-06 ta' Frar, 2012.

Rigward l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn ai termini tal-Artikolu 2143 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sollevata miz-zewg kjamati fil-kawza, cioe' id-Direttur fid-Direttorat tar-Restawr u s-socjeta' Camray Company Limited, jirrizulta li d-Direttur fid-Direttorat tar-Restawr ipprezenta r-risposta tieghu fit-30 ta' Mejju, 2014, li l-'pink card' dwar id-data li gie notifikat b'din il-kawza mhix fil-process izda zgur li din in-notifika saret bejn id-digriet ta' dan it-Tribunal ghal kjamat in kawza fit-30 ta' April, 2014 u d-data tar-risposta fit-30 ta' Mejju, 2014, u ghalhekk dan gara wara t-terminu ta' sentejn impost mill-Artikolu 2143 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. L-istess jinghad ghar-rigward iz-zewg socjetajiet kjamati fil-kawza l-ohra li mill-process jirrizulta li huma gew notifikati ghall-ewwel darba fit-12 ta' Jannar, 2015 u ghalhekk ferm wara l-iskadenza ta' sentejn tenut kont li l-incident gara fis-06 ta' Frar, 2012.

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni skond l-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili qed tigi milqugha.

Rigward il-konvenuti l-ohra, jirrizulta car li dawn ma jahtu xejn ghall-incident de quo stante li hadd minnhom ma kien responsabbli ghal manutenzjoni tas-sur in kwistjoni .

Illi fir-rigward tas-socjeta' l-ohra kjamata fil-kawza cioe' FortRes Joint Venture, veru li hija kontumaci izda veru wkoll li l-fatt wahdu li l-imharkin waqghu kontumaci ma jfissirx li huma ammettew it-talbiet jew li jaqblu mal-pretensjonijiet tal-attur. Dik il-qaghda tfisser li huma hallew f'idejn dan it-Tribunal li jqis il-provi mressqa quddiemha fid-dawl tal-ligi li tghodd ghal kaz. (Vide kawza Prim Awla 1074.16 per JRM deciza 4.7.7 fl-ismijiet 'Joseph Camilleri vs Charles Dimech et'). Illi ghalhekk dan it-Tribunal ma jsibx li i s-socjeta' attrici irnexxielha tipprova li tali FortRes Joint Venture kienet responsabbli ghal dawn id-danni.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jichad it-talba tas-socjeta attrici bl-ispejjez.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**